MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**SAVIOUR DEMICOLI**

Seduta ta' l-1 ta' Dicembru, 2008

Numru 1060/2008

**Il-Pulizija**
**(Spettur Raymond Cassar)**

**Vs**

**Luke Farrugia**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijet li permezz taghhom Luke Farrugia ta' 20 sena, iben David u Maria nee' Mazzelli, imwieled il-Pieta fit-22 ta' Novembru 1987, detentur ta' karta tal-identita Maltija bin-numru 530087M u residenti fil-fond Saturn Flats, Flat 6, Triq il-Flotta Gzira.

Billi huwa akkuzat talli:

1. fil-lejl ta' bejn it-28 u id-29 t'Awwissu 2008, fil-Fgura, ikkommeta serq ta' flus kontanti mill-fond Transpak sitwat fi Triq haz-Zabbar ghad-dannu ta' William Vella u/jew persuni ohra, liema serq huwa aggravat fil- hin, mizz, valur li ma jeccediex l-elfejn tlett mija u tletin Euro (€2330) izda huwa aktar minn mitejn u tnejn u tletin Euro (€232);
2. u talli fl-istess data, hin, u cirkostanzi volontarjament hassar, ghamel hsara jew/u gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobli u cioe' ghamel hsara fil-fond Transpak sitwat fi Triq haz-Zabbar, Fgura, liema hsara ma tiskorrix l-elf mija u hamsa u sittin Euro (€1165) izda hija aktar minn mija u sittax il-Euro (€ 116) ghad-dannu ta' William Vella u/jew persuni ohra;
3. u talli fl-istess lejl, f'dawn il-Gzejjer, xjentament laqa' ghandu jew xtara hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq jew akkwistati b'reat sew jekk dan sar f'Malta jew barra minn Malta, jew xjentament, b'kull mod li jkun iddahal biex ibieghhom jew imexxihom, liema hwejjeg u cioe' flus kontanti few minn serq ikkwalifikat bil- hin, mezz, valur li jeccedi l-elfejn tlett mija u tletin Euro (€2330).

Rat l-atti u id-dokumenti esebiti.

Rat il-Kunsens tal-Avukat Generali esebit bhala Dok RC3 u nnutat li l-imputat m'ghandux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattrat bi procedura sommarja.

Innutat li fil-Verbal tas-Seduta tallum l-Ufficjal Prosekutur iddikjara li t-tielet akkuza migjuba kontra l-imputat li tirrigwarda ricettazzjoni, inghatat bhala akkuza alternattiva ghall-ewwel akkuza migjuba kontra l-imputat li tirrigwarda serq u ghaldaqstant talab li l-Qorti tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-imsemmija tielet akkuza.

Innutat li l-imputat fl-ezami tieghu wiegeb li hu hati tal-ewwel akkuza u t-tieni akkuza migjuba kontra tieghu.

Il-Qorti wissiet lill-imputat bl-aktar mod solenni rigward il-konsegwenzi tal-ammissjoni tieghu u taghtu ftit taz-zmien sabiex jiddeciedi jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu jew le, u wara li gie mistoqsi jekk jikkonfermax l-

ammissjoni tieghu jew le, l-imputat rega’ iddikjara li hu hati tal-ewwel akkuza u t-tieni akkuza migjuba kontra tieghu.

Innutat li fil-Verbal tas-Seduta tallum l-Ufficjal Prosekutur iddikjara li l-imuptat ikkopera bis-shih mal-pulizija u li r-rifurtiva giet ritornata lil sidha u inoltre iddikjara li l-imputat hallas lill-parte civile l-ammont dovut rigwardanti l-hsarat sofferti.

Semghet trattazzjoni dwar il-piena.

Rat l-artikoli 17, 261(b), (c) u (f), 263, 267, 270, 278(3), 279(a), 280(2) u 325(b) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Issib lill-imputat Luke Farrugia, fuq ammissjoni, hati tal-ewwel akkuza u tat-tieni akkuza migjuba kontra tieghu u tenut kont ic-cirkostanzi kollha tal-kaz inkluzi l-fatt li l-imputat ammetta fi stadju bikri tal-kawza, l-fedina penali tal-imputat u li l-Ufficjal Prosekutur iddikjara fil-Verbal tas-Seduta tallum li l-imputat ikkopera bis-shih mal-Pulizija u li r-rifurtiva giet ritornata lil sidha u inoltre iddikjara li l-imputat hallas lill-parte civile l-ammont dovut rigwardanti l-hsarat sofferti u wara li rat l-artikoli 28A u 28B tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, tikkundanna lill-imputat Luke Farrugia ghall-piena komplessiva ta’ sentejn (2) prigunerija u tordna li din is-Sentenza nkwantu ghall-piena ta’ prigunerija ma ghandiex tibda ssehh hlief jekk matul il-perjodu ta’ tlett (3) millum l-imputat Luke Farrugia jikkommetti reat iehor punibbli bi prigunerija.

Rigward it-tielet akkuza migjuba kontra l-imputat, fid-dawl ta’ dak dikjarat u mitlub fil-Verbal tas-Seduta tallum mill-Ufficjal Prosekutur rigward din it-tielet akkuza kif riportat aktar qabel f’ din is-Sentenza, il-Qorti tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri ta’ din it-tielet akkuza migjuba kontra l-imputat.

Finalment il-Qorti qed taghti lill-imputat Luke Farrugia l-ispjegazzjoni preskritta fl-artikolu 28A(4) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------